Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 7 ta' Lulju 2025**
**(OR. en)**

**10655/25**

**PI 135**

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar il-President ta' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/..**

**ta' …**

**li taħtar il-President ta' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 166(1) tiegħu,

[1] ĠU L 154, 16.6.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1001/oj.

Billi;

Fil-5 ta' Ġunju 2025, il-Bord tat-Tmexxija tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) ippreżenta lill-Kunsill lista ta' kandidati għall-kariga ta' President ta' Bord tal-Appell tal-EUIPO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Is-Sa Cinzia NEGRO hija b'dan maħtura President ta' Bord tal-Appell tal-EUIPO għal mandat ta' ħames snin.

2. Id-data li fiha jibda l-mandat ta' ħames snin imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tiġi ddeterminata mill-Bord tat-Tmexxija tal-EUIPO.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi …, ...

*Għall-Kunsill*
*Il-President*